

# L-Istatwa tal-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp

Tagħrif miġbur minn Keith M. Fenech

Din is-sena l-Għaqda Mużikali San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq qed tiċċelebra anniversarju speċjali fl-istorja glorjuża sewwa sew il-75 anniversarju mill-wasla ta' l-istatwa tal-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp fir-raħal tagħna.

L-istatwi preżenti hija t-tieni statwa ta' San Ġużepp li kellha l-knisja. L-oriġini ta' l-ewwel statwa, li hija ta' l-injam u li x'aktarx inħadmet minn xi artist lokali, ftit li xejn nafu dwarha. Probabilment hija xogħol antik ħafna li jeħodna lura lejn l-aħħar kwart tas-seklu tmintax jew il-bidu tas-seklu dsatax. L-istatwa l-antika intużat għall-aħħar darba fil-purċissjoni ta' l-1932 u llum il-ġurnata tinsab f'niċċa fil-każin tagħna.

L-1932 kienet sena speċjali ħafna mill-Ġużeppini Għaxqin, għax ġewwa r-raħal ta' Ħal Għaxaq kienet waslet fost ferħ kbir l-istatwa tant għażiża u devota ta' San Ġużepp. Din l-istatwa hija ta' l-injam u nħadmet fil-belt Taljana ta' Milan mid-ditta *Fratelli Bertarelli.*

Ir-rikors biex issir statwa ta' l-injam ġdida tal-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp sar fid-9 ta' Novembru 1924 u ġie milqugħ fid-9 ta' Diċembru ta' l-istess sena bil-kundizzjoni li qabel sena bil-kundizzjoni li qabel jibda x-xogħol kellu jiġi ippreżentat abbozz ta' din l-istatwa.

Dan ifisser li għaddew 8 snin sħaħ minn meta ntlaqgħet it-talba biex issir statwa ġdida sakemm l-istatwa waslet fir-raħal tagħna u forsi wieħed jistaqsi...imma għalfejn dan id-dewmien kollu. Fil-fatt kien hemm żewġ fatturi li jispjegaw dan id-dewmien.

Ix-xewqa tal-Ġużeppini Għaxqin kienet li din l-istatwa tinħadem mill-iskultur bravu Malti s-Surmast Abram Gatt li għex bejn l-1863 u l-1944. Però wara li kienu avviċinawh biex jagħmel din il-biċċa xogħol huwa kien irrifjuta li jagħmilha minħabba li n-nies kienu draw jassoċjawh ma' l-istatwa ta' San Ġużepp ta' Bormla. Huwa ħass li kien fl-interess ta' l-Għaxqin stess li hu ma jidħolx għal din il-biċċa xogħol. Tajjeb ngħidu li l-Ġużeppini Għaxqin għandha ħafna xogħlijiet wirt dan l-artist bravu fosthom id-disinji tal-pedestall u t-trofejiet tal-pjazza li saru fl-1905 u fl-1906.

Għaldaqstant l-antenati tagħna kienu ddeċidew li jmorru barra minn xtutna u kkummissjonaw lil ħadd inqas mid-ditta Fratelli Bertarelli ta' Milan biex jagħmlu dan ix-xogħol. Din l-ażjenda ġiet imwaqqfa f'Milan fl-1795 u kienet rinomata għall-produzzjoni t'opri sagri għall-knejjes u parroċċi madwar l-Italja kollha fosthom anke fil-Vatikan. Fil-perjodu meta nħadmet l-istatwa ta' San Ġużepp din l-ażjenda kienet immexxija mill-aħwa Giulio u Luigi Vittoria Bertarelli li kienu artisti u Achille Bertarelli li kien jieħu ħsieb it-tmexxija tal-fabbrika. Din id-ditta baqgħet tipproduċi xogħol ta' kwalità għolja sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor. Dan kien ifisser li l-Ġużeppini Għaxqin kellhom jistennew numru ta' snin minn meta ordnaw l-istatwa sakemm beda x-xogħol fuqha minħabba l-lista twila t'ordnijiet li kelha din id-ditta. L-abbozz ġie ppreżentat lill-Kurja nhar id-19 ta' Frar, 1932 u x-xogħol fuqha beda wara li ħareġ id-digriet fid-9 t'April ta' l-istess sena.

L-istatwa l-ġdida tal-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp waslet Ħal Għaxaq nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru 1932 wara li ftit tal-jiem qabel kienet



371/24.

A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo e Vescovo di Malta.

Umile ricorso di Vincenzo Borg
residente a C. Asciak.

Espone riverentemente,

Che il suddetto, prostrato al bacio del pastorale anello, umilmente prega l'Eccel. Vostra a permettergli di poter informarla che e' stato nominato dalla Societa' e Comitato del Circolo "San Giuseppe" di C. Axiak a prender cura di ordinare una statua in legno del Glorioso Patriarca San Giuseppe, la quale si desidera d'essere donata alla veneranda confraternita' di San Giuseppe, eretta nella chiesa Parrocchiale del suddetto casale, per prendere il posto della antica statua del Grande Patriarca che presentemente si trova nella detta Parrocchia.

Che la detta confraternita' sara' esenta da qualunque spesa che si richiede per la statua.

Che il detto Borg La prega a volerlo autorizzare a fare i passi necessari per il lavoro della statua.

E delle grazie
etc. etc. etc.

Suo obbidientissimo servitore
(fto) Vincenzo Borg

Raccomando la domanda dell'Oratore.
Asciak
9/11/24
(fto) Parroco Andrea Fenech

Presentato il di 22 No v. 1924
(fto) Sac Ant Galea
Cancelliere

Concediamo, purche' nella Parrocchia noncorrano altre questue per altre opere, e prima che s'intrapprenda il lavoro si sottometta a questa Curia il bozzetto della Statua.

9 Dicembre 1924.

(fto) + Fr. A. Portelli O.P.
Ves. Sal. Vic. Gen. del.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Concordat cum originali
die 20a Augusti 1982

daħlet fil-port il-kbir wara li telqet mill-port ta' Genova. L-istatwa waslet Ħal Għaxaq min-naħa ta' Bir id-Deheb u kienet magħluqa f'kaxxa ta' l-injam li kienet minduda fuq karettun li kien miġbud minn żiemel abjad li kien tas-Sur Mabbli Borg. Hekk kif l-istatwa waslet fi pjazza San Filippu, infetħet il-kaxxa u minnha ħarġu l-istatwa, li kien imdawra b'lożor bojod. Wara li nkixfet l-istatwa l-ġdida ta' San Ġużepp iddaħlet fil-Bażilika ta' San Filippu Neri. L-istatwa kienet differenti minn kif nafuha llum għax meta waslet Ħal Għaxaq kienet mingħajr induratura. San Ġużepp kellu libsa vjola b'disinn ta' lewn vjola aktar skur madwar l-għonq. Il-mantar kien kannella jagħti fl-aħdar, lewn iż-żebbuġa u kellu girlanda tal-ġilju abjad fit-tarf. Il-libsa tal-Bambin kienet ta' lewn bajdani, b'disinn dehbi mad-dawra ta' l-għonq u fit-tarf tal-libsa.

Il-Ħadd ta' wara, nhar l-4 ta' Diċembru, l-Għaxqin inġabru fi pjazza San Filippu u t-toroq li jwasslu sal-pjazza ewlenija tar-raħal biex jassistu għall-inżul proċessjonali ta' l-istatwa ta' San Ġużepp mill-Bażilika ta' San Filippu Neri sal-knisja parrokkjali. Hekk kif l-istatwa waslet fil-bieb tal-Bażilika ta' San Filippu Neri, din tbierket mill-Kappillan tar-raħal Dun Nikol Aquilina. Fi tmiem iċ-ċerimonja tat-tberik, l-istatwa tniżżlet fuq l-ispellejn mill-partitarji Ġużeppini fost ferħ u briju kbir, biex b'hekk setgħet tieħu postha fil-knisja minflok l-istatwa ta' San Ġużepp li kienet tintuża qabel. Il-Kappillan, f'isem il-Konfraternità ta' San Ġużepp, laqa' din l-istatwa fil-knisja. L-istatwa swiet is-soma ta' l-2900 liri taljani filwaqt li l-ispejjeż tat-trasport ta' l-istatwa minn Milan lejn Ħal Għaxaq kienu jammontaw għal 130 liri taljani. Dawn l-ispejjeż kollha tħallsu mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp.


141/32

A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Don Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo e Vescovo di Malta.

Umile ricorso di
Vincenzo Borg
residente a C. Asciak.

Espone riverentemente,

Che per decreto dell'Ecc.za Vostra Rev.ma del 9 Dicembre 1924 al ricorso no. 371/24 il ricorrente fu autorizzato di prendere i passi necessarii per il lavoro di una statua in legno del Glorioso Patriarca San Giuseppe, la quale statua prendera' il luogo della vecchia statua dello stesso santo che attualmente si trova nella Chiesa Parrocchiale del detto casale, sotto la condizione che, prima che s'intraprenda il lavoro, si dovra' sottomettere alla Ecc.za Vostra Rev.ma, il bozzetto della nuova statua.

Che, percio', il ricorrente umilmente prega che gli sia concesso di sottomettere il bozzetto, esibito con questo ricorso, all'Ecc.za Vostra Rev.ma per la debita approvazione.

E della grazia
ecc. ecc.
(fto) V. Borg
Prore

Visto. Non trovo oggezione.
(fto.) Sac. N. Aquilina
Parroco.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Presentato con un bozzetto (in duplicato) il di 19 Febbraio 1932.
(fto) Can. G. Buttigieg
Cancelliere

Alla Giunta Diocesana per la tutela della antichita' ecclesiastiche per relatare.

Dato dalla Curia Vescov. di Malta il 20 Feb. 1932.

(fto) Can. P. Galea
Vic. Gen.

La Giunta Dioce sana per la Tutela delle Antichita' Ecclche approva.

31 marzo 1932

Il Segretario
(fto) A. Pantalleresco

Si indichi il preventivo e il cespite da cui s'intende prelevare.

Dato dalla Curia Vescov. di Malta il 9 Aprile 1932.

(fto) Can. P. Galea
Vic. Gen.

Il sottoscritto in conformita' al decreto dell' Eccellenza Vostra Rev.na del 9 corrente al suo ricorso del 19 Febbraio ult. scorso, umilmente dichiara:-

Che, come/.........



Fis-6 ta' Frar ta' l-1933 saret żjara minn rappreżentant tal-kurja biex jara din l-istatwa u fil-21 ta' Frar ta' l-1933 inħareġ id-digriet finali li permezz tiegħu din l-istatwa l-ġdida setgħet tiġi esposta għall-kult pubbliku u tintuża waqt il-purċissjoni tal-festa ta' San Ġużepp.

Din l-istatwa l-ġdida proċessjonalment għall-ewwel darba mill-knisja parrokkjali nhar il-Ħadd 7 ta' Mejju, 1933, nhar il-festa ta' San Ġużepp, li dak iż-żmien, ta' kull sena, kienet tiġi ċċelebrat fit-tielet Ħadd ta' wara l-Għid il-Kbir. F'dik l-istess ġurnata kienu żżanżnu wkoll il-pedestall ta' taħt l-istatwa li nħadem ir-Rabat u kif ukoll ir-raġġieri ta' San Ġużepp u l-Bambin u l-bastun tal-ġilju t'idejn San Ġużepp li nħadmu f'Bormla u li huma lkoll tal-fidda. Fin-naħa ta' ġewwa tal-pedestall insibu l-annu 1934 li probabilment jindika li għalkemm il-pedestall inħadem u żżanżan fil-festa ta' l-1933, ix-xogħol fuq l-induratura tal-pedestall tlesta għall-festa tas-sena ta' wara.

Il-Ġużeppini mill-ewwel ħasbu biex kemm jista' jkun malajr ikomplu jsebbħu din l-istatwa. Ix-xewqa tagħhom kienet jinduraw l-istatwa, li jagħmlu sett t'erba' vażuni bil-fjuretti tal-fidda u li jagħmlu bradella u bankun ġdid li jikkumplimentaw il-pedestall.

L-ewwel xogħol li sar kien fuq il-vażuni tal-fidda u fil-att dawn tlestew qabel il-festa ta' l-1936. Il-benefatturi ta' dawn l-erba' gastri tal-fidda bil-ward tal-ganutell kienu Antonio Galea u Antonio Zahra, Giorgio Caruana u Emanuele Dalli, Gaetano u Giovanni Desira u Vincenzo u Benedetto Borg. Id-disinn ta' dawn il-vażuni tal-fidda kien sar mill-iskultur Carmelo Tonna li kien mir-Rabat.

Ġara iżda li fil-frattemp, sewwa sew fl-1935 il-Kurja ħarġet il-*Concilium Regionale Melitense*. Skond il-professur Olandiż Jeremy Boissevain li għamel aktar minn 40 sena jistudja u janalizza l-ħajja soċjo-reliġjuża Maltija, l-għan ta' dawn ir-regolamenti kien

Che, come gia' dichiarato nel suo ricorso no.371/24 del 9 Novembre 1924, tutte le spese che occorreranno per la statua di legno di San Giuseppe, saranno pagate dal Comitato e Societa' del Circolo San Giuseppe di C. Asciak;

Che il prezzo della statua, che sara' eseguita e decorata dalla Ditta "Fratelli Bertarelli" di Milano secondo il modello gia' esibito alla Curia Vescovile ed approvato dalla Giunta Diocesana per la tutela delle Antichita' Ecclesiastiche il di' 31 Marzo ult. scorso, ammonta a due mila novecento (2900) lire italiane, non comprese le spese di trasporto da Milano a Malta.

Suo obbedientissimo servo,
(fto) V. Borg
Prore.

Confermia mo. 18 aprile 1932.

(fto) Antonio Zahra - Vice Presidente Circolo "San Gius".
(fto) Carmelo Borg - Segretario "Circ. San Giuseppe".

Presentato da Vzo Borg il di 18 Aprile 1932.

(fto) Can. G. Buttigieg
Cancelliere

Vista la Supplica 371/24 e la qui annessa nota, dalle quali si rileva che la statua di S. Giuseppe sposo della B.V. Maria sara' fatta a totale spesa del Circolo S. Giuseppe di C. Axiak;

Attesa l'approvazione del modello da parte della Giunta Diocesana per la tutela della antichita' ecclesiastiche;

Autorizziamo il M.R. Parroco di C. Axiak a ricevere il dono della statua di S. Giuseppe alla Chiesa, a nome della Confraternita' omonima, dopo d'essersi assicurato che il prezzo relativo, comprese le relative spese di trasporto, dazio ecc., siano state debitamente saldate.

Dato dalla Curia Vescov. di Malta il 20 Aprile 1932.

(fto) Can. P. Galea
Vic. Gen.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Concordat cum originali
die 18 Aug 1982

biex inaqqas il-mod ta' kif jiġu ċċelebrati l-festi sekondarji. Dawn ir-regolamenti fost affarijiet oħra kienu jistipulaw li l-opri sagri li jsiru għall-festi sekondarji riedu jkunu anqas sbieħ u jiswew anqas flus minn dawk li jsiru għall-festi titulari.

Għaldaqstant il-Kurja kienet ordnat li biex dawn il-gastri jintramaw ma' l-istatwa ta' San Ġużepp riedu jsiru erbgħa oħra ta' pregju u ta' valur ikbar għal ma' l-istatwa ta' Santa Marija. Minnufih beda x-xogħol fuq dawn il-gastri l-ġodda u x-xogħol kien diġà lest sa l-aħħar ta' l-1936. Dawn l-erba' gastri tħallsu waħda mill-Kumitat u s-soċi ta' l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, oħra minn Gaetano Desira u Gregory Scicluna, oħra minn Vincenzo Borg u Emmanuele Dalli u oħra minn Benedetto Borg u Giuseppe Caruana.

Fil-11 ta' Jannar, 1937 sar ir-rikors il-Kurja biex dawn it-tmien gastri jkunu jistgħu jintużaw fil-festi tal-qaddisin li jsiru f'Ħal Għaxaq u d-digriet ħareġ fit-3 ta' Marzu, 1937 u għaldaqstant dawn il-gastri ntużaw għall-ewwel darba fil-festi ta' l-1937.

F'dik l-istess sena ġew żgraffjati u ndurati l-libsa ta' San Ġużepp u tal-Bambin. Dan ix-xogħol mil-isbaħ sar fil-Belt Valletta, f'ħanut li kien jinsab fi Triq San Kristofru.

Ix-xewqa tal-Ġużeppini kienet li jsiru bradella u bankun ġodda wkoll, imma dan kien diffiċli ħafna li jsir minhabba r-regolamenti li ħarġet il-Kurja fl-1935.

ġew mhalsa kolla.

Mghoti mill Kurja Vescov. ta Malta - fil 5 ta' Marzu, 1937
Can. P. Galea Vic. Gen.

Vera traduzjoni bil Malti ta kopja ta Rikors w Digriet miktuba bil lingwa Taljana.
Illum 17 ta Gunju, 1981.
Quod Attestor,

Not. Ant. Attard.

74/33.

A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons. Dom. Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo e Vescovo di Malta.

Umile ricorso di Vincenzo Borg
residente a C. Axiak.

Espone riverentemente,

Che, dopo il permesso dato dall'Eccelza. V. Rev.ma come per decreto del 9 aprile ult. scorso al suo ricorso del 19 feb. ult. scorso, il ricorrente ha importato una statua in legno del Glorioso Patriarca San Giuseppe, e che tutte le spese occorrevano sono state saldate.

Che, pertanto il ricorrente umilmente prega che la detta statua sia approvata per il culto pubblico.

E della grazia,
(fto) Vincenzo Borg

Uff. Parr.li C.Axiak.
11 Dicembre 1932

Attesto la verita' del contenuto. Il prezzo della fattura L.3030 e' stato saldato per intiero, in quanto a 1515 in data 16 Settembre 1932 e in quanto a 1515 in data 15 Ottobre 1932 e come risulta da ricevi presentatemi comprese il dazio il nolo ecc.

Con fede

(fto) Sac. Nicola Aquilina
Parroco

Presentato dal ricorrente
il di' 13 Dicembre 1932
(fto) Can. P. Buttigieg
Cancellieri

Al Ceremoniere Diocesano per relatare, previa la visita della statua di che.

Dato dalla Curia Vescov. di Malta il 20 Decembre 1932.

(fto) Can. P. Galea
Vic. Gen.

6 Febbraio 1933.

In obbedienza al Ven. Decreto dell'Illmo e Revmo Monsignor Vicario Generale del 20 Dicembre 1932, ho l'onore di riferire d'aver visitato la Statua del Glorioso Patriarca San Giuseppe, destinata per la Chiesa Parrocchiale di Casal Axiak, e puo' essere esposta per il culto publico.

In fede di che.
(fto) Sac. Giuseppe Camilleri Xuereb
Cerimoniere Diocesano.

Attentis relatis fiat iuxta preces.

Datum in Curia [illegible] Melit. die 21 Feb. 1933.

(fto) Can. P. Galea
Vic. Gen.

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Concordat cum originali
die 20ª Augusti 1982

Xhieda ta' dan l-entużjażmu li kellhom il-Ġużeppini huwa d-disinn li kien sar mis-Sur Carmelo Tonna f'Awwissu ta' l-1933 li nżamm b'tant għożża mis-Soċjetà tagħna. Jingħad li f'dawk iż-żminijiet kien sar attentat li jsiru bradella u bankun ġdid li jkunu jistgħu jintużaw fiż-żewġ festi imma dan il-pjan baqa' qatt ma twettaq.

Fl-1968 kien sar rikors lill-Kurja biex jinżebgħu mill-ġdid il-karneġġjun ta' l-idejn u r-riġlejn ta' San Ġużepp u l-Bambin. Dan ix-xogħol sar mill-artist Raphael Bonnic Calì li kien minn Ħal Tarxien. Waqt li kien għaddej dan ix-xogħol kienet tnaddfet ukoll l-induratura kollha ta' l-istatwa.




Fil-bidu tal-Millenju l-ġdid wara l-inawgurazzjoni ta' *'Il-Meravilja'* reġgħet bdiet tħeġġeġ f'qalb il-Ġużeppini x-xewqa li tagħmel dik il-bradella u l-bankun li l-antenati tagħna kienu ġew imċaħħda milli jagħmlu fil-passat. Insibu li sa mill-2001 saru diversi attentati biex dan il-proġett jitwettaq u fl-2003, kienet nibtet l-idea waqt diskussjonijiet li kienu saru mal-

Kappillan Fr. Martin Micallef li jsir rikors waħdieni lill-Kurja biex il-knisja ta' Ħal Għaxaq tiġi msebbħa b'żewġ opri ġodda li huma l-induratura tal-Madonna u l-bankun u bradella għall-istatwa ta' San Ġużepp.

Fl-2005 inbidel il-Kapillan u nħatar il-wisq maħbub il-Kanonku Dun Mario Said, fi żmien ftit xhur minn meta ħa l-pussess, rregala lill-poplu Għaxqi żewġ opri mill-isbaħ: ir-restawr u l-induratura tal-Madonna u l-bradella ta' l-istatwa ta' San Ġużepp

Lill Eccellenza Reverendisima Tieghek
Mons. Dom. Mauro Caruana O.S.B.
Arcisqof w Isqof ta Malta.

Umli Rikors ta' Gregorio Scicluna li
joqghod Hal Axiaq.

Jesponi riverentement,

Illi r-rikorrenti f' isem Antonio Galea, Antonio Zahra, Giorgio Caruana, Emmanuele Dalli, Gaetano Desira w Giovanni, Vincenza w Benedetto, ahwa Borg, jixtieq jghamel donazjoni lill Konfraternita ta San Giuseppe mwaqfa fil Knisja Parrokjali ta' Hal Axiak erbgha vasuni tal fidda bil ward tal gamutellu taghhom, sabiex iservu ta' ornament lill l-istatua ta S, Giuseppe fil festa tal Patrocinju tieghu li kull sena tigi celebrata f' Hal Axiak;

Illi f' ismu w f' isem il-Kumitat w is-Socji tac- Circolo Musicale "San Giuseppe" ta Hal Axiak, ta Gaetano Desira, Vincenzo w Benedetto, ahwa Borg, Emmanuele Dalli w Giuseppe Caruana, jixtieq jghamel donazjoni lill Parroccja ta Hal Axiak, erba vasuni tal fidda ta pregju w ta valur akbar minn ta dawk imsemmija fl' ahhar paragrafu, ukoll bil ward tal gamutellu artificjali taghhom, sabiex iservu ta' Ornament lill l-istatua ta S. Maria Assunta fil festa tal glorjusa Assunzjoni taghha;

Illi vasun minn kull kwalista jinsghab ezebit fil Kurja Vescovili.

U bil grazja,
ecc. ecc.
Gregorio Scicluna.

Rajtu, illum 11 ta Jannar, 1937
Giuseppe Naudi - Kapillan.

Prezentat minn Horace Cilia - illum 12 ta Jannar, 1937.
Can. G. Buttigieg
Cancell. Deputat.

Nawtorizzaw l- W. Reverendu Kapillan li jaccetta f' isem il Knisja Parrokjali l-erba' vazuni tal fidda ddonati ghall l-istatwa ta Santa Maria mic-Circolo Musicale "San Giuseppe" ta' Hal Axiak w minn diversi benefatturi, li igibu l-monogramm tal B.V. Maria; u il Prokuratur tal Konfraternita ta "San Giuseppe" ta l-istess Rahal li jaccetta ghan-nom w bil kunsens ta l-istess l-vazuni l-ohra tal-fidda ddonati ghall l-istatwa ta San Giuseppe minn Antonio Galea w ohrajn w li igibu l-monogramm ta l-istess Qaddis, cioe l-kuruna w x-xettru, b' dan li kemm lill Kappillan w kemm lill Prokuratur jirrisulta a pjena soddisfazjon taghhom li l-ispejjes ghall vazuni

---

Il-Kurja ta' l-Arċisqof,
Furjana VLT 16,
Malta.

278/2005

DIGRIET

Nilqgħu t-talba tar-Reverendu Kappillan rikorrent fit-termini tar-relazzjoni tal-Kummissjoni Arti Sagra, tas-Segretarju Amministrattiv u tad-Delegat għall-Parroċċi, dati 15 ta' Settembru 2007, 28 ta' Novembru 2005, u 29 t'Ottubru 2005 rispettivament.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Furjana, illum 18 ta' Settembru 2007.

(ft) Carmel Zammit
Kanċillier

(ft) ✠ Annetto Depasquale
Isqof tit. ta' Aradi
Vigarju Ġenerali

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Concordat cum originali
die 18/9/2007

---

11 ta' Jannar, 1968.

Lill E.T. Mons. Micheal Gonzi D.D.
Arcisqof ta' Malta.

Rikors ta' Carmelo Ag[illegible]
minn Hal-Ghaxaq, 100 St Mary Street

Jixtieq ngharraf,

Li billi l-istatwa ta' San Guzepp fil-Parroccja ta' Hal-Ghaxaq ilha 56 sena li inzebghet l-ewwel darba, [illegible] l-kulur tal-Karnagjun ta' l-idejn u r-riglejn ta' San Guzepp u il-Bambin li hemm [illegible], swiedu sewwa u jehtieg r-zebgha mill-gdid.

Ghalhekk l-oratur jitlob li jinghatalhu l-permess mehtieg biex ikun jista jaghmel dan ix-xoghol.

Filwaqt li jirringrazjak,
Jibqa is-serv umli tieghek.

Carmelo Agius
Prokuratur tal-Fritellanzi
ta' San Guzepp.

Visto. Sac Carmelo Zammit
Parroco
Ghaxaq die 13 Jannar 1968

N B. Lispejjes ta' listatwa jithallsu
mill kazin tal Banda San Guzepp.

Presentato in Curia il di'12 Gennaio 1968
(fto) Sac. C. Dingli
Pro- Cancelliere
Nihil obstat,iuxta litteras Parrocho datas.
Datum in Curia Archiep. Meliten die 13 Jan. 1968
(fto) Emm. Galea Ep. Trall in Asia
Vic. Gen.
Vera copia rilasciata dalla Curia Arciv di Malta,il di'13 Gennaio 1967


# RITA BORG

(Tas-Suldat)

Għal kull xorta
ta' rigali u
affarijiet tad-dar
bi

***PREZZIJIET MODERATI***

**198, St. Mary Street,**
**Għaxaq.**
**Tel: 2189 8143**


The President & Committee
of St. Joseph Band Club, Ghaxaq
request the pleasure of the company of
..............................
on the occasion of
the Blessing of the New Banner
which will take place
on Saturday 3rd May 1958 at 7.30 p.m.
being the Silver Jubilee of the Statue of
St. Joseph



biex ma nsemmux opri u proġetti oħra li qegħdin isiru fil-Knisja Parrokkjali.

Ir-rikors biex jibda x-xogħol fuq il-bradella u l-bankun ta' l-istatwa ta' San Ġużepp sar fit-28 ta' Settembru 2005 u l-approvazzjoni finali mill-Kurja nħarġet fit-18 ta' Settembru 2007 wara li ġew esebiti d-disinn tal-bradella u l-bankun li huma d-disinn oriġinali li kien sar mis-sur Carmelo Tonna fl-1933 u kif ukoll l-abbozzi tal-panewijiet tal-bronz.



Għaldaqstant fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti minn meta ġiet imżanżna l-istatwa devota u artistika tal-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp, il-Fratellanza ta' San Ġużepp ser iżżanżan din il-bradella u l-bankun li żgur ser jikkumplimentaw bil-kbir l-istatwa ta' dan il-qaddis. Fil-passat, l-Għaqda Mużikali San Ġużepp dejjem ħadet ħsieb li tiċċelebra kif jixraq dan l-anniversarju u nsibu li kemm fl-1958 u kif ukoll fl-1983 saru festi speċjali biex tiġi mfakkra din il-ġrajja storika.



Bir-raġun kollu, il-Ġużeppini Għaxqin jinsabu ħerqana biex fl-2008 niċċelebraw festi kbar oħra, biex infakkru kif jixraq dawn l-avvenimenti, festi li ngħata l-bidu uffiċjali tagħhom nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru, 2007, permezz ta' pellegrinaġġ li sar mit-toroq tar-raħal bl-istatwa tal-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp.


# Omega Discount Store

*Triq il-Bwar, Għaxaq*
*(fil-Housing Estate)*

MAYO
Mustard
eggs
BREAD
SODA

**Għal kull xorta ta' affarijiet bl-irħis**